MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 466/2009

**Rikors Numru 466/2009 SM**

**San Pellegrino S.p.a. socjeta` registrata l-Italja rapprezentata lokalment mill-mandatarju specjali taghha l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino**

**vs**

**Ancams Marketing Limited**

**(C – 42197)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 Mejju, 2009, li permezz tieghu s-socjeta`rikorrenti, tramite l-mandatarju specjali fuq riferit esponiet sintetikament s-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` intimata ghandha taghti s-somma ta' mija u sebgha u tletin elf disa` mija erbgha u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu, (€137,974.41) lis-socjeta` estera rikorrenti u dan, oltre l-imghax legali dovut fuq l-istess ammont sa' l-effettiv pagament;

1.2. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti hu hekk dovut lis-socjeta` rikorrenti estera ghal diversi konsenji tal-prodott "*Aqua Vera*" lis-socjeta` intimata, (ara estratt komprensiv a foll 4 u 5, u fatturi appoziti a foll 6 *et sequitur*);

1.3. Illi *nonostante* li debitament interpellata ghas-saldu ta' l-imsemmi ammont rikjamat mis-socjeta` rikorrenti estera, is-socjeta` intimata ma hallsitx l-ammont minnha dovut;

1.4. Illi *di piu`*, oltre li ma hallsitx dan l-ammont minnha dovut, bdiet tavvanza pretensjonijiet minghajr ebda bazi legali u fattwali;

1.5. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tadixxi din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' mija u sebgha u tletin elf disa` mija erbgha u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu, (€137,974.41), rapprezentanti prezz ta' diversi konsenji tal-prodott *"Acqua Vera"* fuq ordni ta' l-istess socjeta` intimata u lilha debitament konsenjati;

1.5.2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta` intimata sad-data ta' l-effettiv pagament;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-5 ta' Gunju, 2009, li permezz taghha s-socjeta` intimata tramite r-rapprezentant taghha, sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi l-ammont rikjamat mill-istess socjeta` rikorrenti hu eccessiv u ma jirrispekjax l-ammont dovut lilha mis-socjeta` intimata;

2.3. Illi l-ammont rikjamat mis-socjeta` rikorrenti gie pacut u estint bl-ammont dovut mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata;

2.4. Illi l-ammont dovut mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata jammonta ghal tlett mija u hamsa u sebghin elf Ewro (€375,000.00);

2.5. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti jirrapprezenta indennizz u kumpens dovut mis-socjeta` rikorrenti lil dik intimata ghas-segwenti:

2.5.1. Danni minnha sofferti rizultat ta' terminazzjoni abbuziva tal-ftehim li kien hemm bejn is-socjetatjiet kontendenti li sehhet minhabba l-agir abbuziv tas-socjeta` rikorrenti fis-suq lokali, bi ksur tal-ligi dwar il-kompetizzjoni gusta; u

2.5.2. Minhabba danni konsistenti f'telf ta' profitti minhabba r-rifjut da parti tas-socjeta` rikorrenti li tissupplixxi l-prodotti taghha lis-socjeta` intimata;

2.6. Illi konsegwenza ta' l-istess, ghandhom allura jigu applikati l-artikli 1196 u 1197 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.7. Illi l-kreditu dovut lis-socjeta` intimata minn dik rikorrenti jissupera l-dak dovut lis-socjeta` rikorrenti minn dik intimata;

2.8. Illi s-socjeta` rikorrenti m'ghandha l-ebda assi f'Malta li jistghu jaghmlu tajjeb ghall-ammont minnha dovut lis-socjeta` intimata;

2.9. Illi allura, peress li s-socjeta` intimata ghalhekk ma setghetx tippregudika l-istess kreditu, m'ghandiex tinzamm responsabbli ghall-ispejjez jew interessi legali mitluba;

2.10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Semghet ix-xhieda kollha prodotta quddiema kif preseduta u ezaminat kemm ix-xhieda mismugha mill-istess qorti diversament preseduta, kif ukoll id-dikjarazzjoni guramentata prodotta;

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Rat id-digriet taghha datat is-27 ta’ Novembru, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 272);

6. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-kontendenti rispettivament datati t-28 ta’ Novembru, 2014, (ara foll 292), u t-13 ta’ Jannar, 2015, (ara foll 298);

7. Rat il-verbal ta’ l-abbli rapprezentanti legali fuq riferiti datat l-20 ta’ Jannar, 2015, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti minnhom ipprezentati, (ara foll 310);

Ikkunsidrat:

8. Illi preliminarjament taghmel referenza ghan-nota ta’ riduzzjoni pprezentata mis-socjeta` rikorrenti u datata d-9 ta’ Novembru, 2012, li permezz taghha irriduciet it-talba originali minnha pretiza, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa punt wiehed, (1.5.1.), aktar qabel), ghal mija u sebgha u ghoxrin elf mija u sbatax -il Ewro, (€127,117.00), (ara foll 225);

Ikkunsidrat:

9. Illi ghandu jkun pacifiku li kif giet impustata l-azzjoni odjerna mis-socjeta` rikorrenti jirrizulta li din hi limitata ghal talba ghall-hlas ta' kreditu kif minnha pretiz mis-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi *nonostante* dan, is-socjeta` intimata qeghda tittenta tissolleva s-segwenti eccezzjonijiet:

10.1. It-tpacija ta' l-ammont minnha dovut ma drittijiet pekunarji minnha vantati fil-konfront tas-socjeta` rekorrenti; u

10.2. Ksur tal-ligi tal-Kompetizzjoni Gusta;

Ikkunsidrat:

11.0. **Rigward it-tpacija rikjamata**:

11.1. Illi din il-kwistjoni hi lanjanza estranea ghall-procedura odjerna *stante* li gudizzjarjament fil-kawza fl-ismijiet Ancams Marketing Limited et vs. L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino *nomine*, (Rikors Guramentat Numru 1077/2011), deciza fl-1 ta' Novembru, 2013, (ara foll 249), u prezentement pendenti l-appell;

11.2. Illi in vista ta' l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti hemm indikati gew ilkoll respinti ghar-ragunijiet hemm indikati;

11.3. Illi tenut kont tal-premess ghandu sintetikament jinghad li mhux proceduralment accettabbli li l-procedura odjerna tithallla tintuza biex tinvesti talbiet li gia` huma taht l-iskrutinju ta' qorti ta' tieni istanza *stante* li mhux permess li l-qorti odjerna tintuza biex terga tinvesti indipendentement kwistjoni li gia` qed tigi skrutinizzata min qorti superjuri;

11.4. Illi allura tigi evitata l-possibilita` li din il-qorti tigi sfruttata biex tassumi funzjoni li m'ghandiex fil-konfront ta' qorti ta' l-istess livell;

11.5. Illi l-lanjanza *de quo* setghet facilment tigi indirizzata permezz ta' talba rikonvenzjonali; li s-socjeta` intimata ghazlet li ma tindirizzax;

12.0. **Rigward l-allegat ksur tal-Ligi tal-Kompetizzjoni Gusta**:

12.1. Illi tali vertenza hi kwistjoni esklussivament rizervat lill-*forum* iehor specifiku;

12.2. Illi bhala Qorti Civili din il-qorti mhix il-*forum* idoneu biex tisma` u tiddeciedi tali vertenza;

Ikkunsidrat:

13. Illi konsegwentement, iz-zewg (2) eccezzjonijiet preliminari kif sollevati mis-socjeta` intimata m'humiex guridikament sostenibbli u ghalhekk, qed jigu respinti;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi rigward il-mertu veru u proprju tal-vertenza in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi s-socjeta` intimata, tramite socjeta` precedenti, (ara foll 230), kienet bdiet timporta l-prodott fic-centru tal-vertenza odjerna, (*"Acqua Vera"*), mill-Italja tramite s-socjeta` *Sogea* , (ara foll 230);

14.2. Illi peress li dak iz-zmien f'Malta ma kienx hawn il-kultura li l-konsumatur jixtri tali prodott, u li kien ghad hemm diversi ostakoli statutorji li kien jghollu l-prezz, kien jinhtieg li jigu investiti sommom ingenti f'reklamar u incentivi;

14.3. Illi fl-1995 il-prodott partikolari in dizamina nxtara mis-socjeta` *Nestle Waters* u sussegwentement mis-socjeta` rikorrenti;

14.4. Illi jirrizulta li fir-relazzjoni li s-socjeta` intimata kellha mas-socjeta` rikorrenti issa proprjetarja, bdiet tiddeterjora meta din ta' l-ahhar bdiet timponi limitazzjonijiet restrittivi ta' bejgh kemm rigwardanti l-prezz kif ukoll il-kwantita` li kienu qed jaghmluha ferm difficli ghas-socjeta` intimata biex tlahhaq maghhom, u tkun kompetittiva, (ara foll 231);

14.5. Illi *di piu`*, meta Malta dahlet fl-Ewropa fl-2004, infetah is-suq u allura "...kulhadd seta jgib il-prodott identiku minn Sqallija", (ara foll 231);

14.6. Illi meta s-sitwazzjoni bdiet tipprecipita, saru diversi laqghat bejn is-socjetajiet kontendenti sakemm dawn iddeterjoraw b'tali mod li effettivament is-socjeta` rikorrenti, tramite s-socjeta` *Nestle Malta Limited*, ghazlet li tibda timporta u tiddistribwixxi l-prodott in dizamina hi stess b'effett mill-1 ta' Jannar, 2010, (ara foll 233);

14.7. Illi *di piu`*, meta tul id-diskussjonijiet bejn il-kontendenti, s-socjeta` intimata bdiet anke timporta u tiddistribwixxi prodott simili iehor in kompetizzjoni diretta ma' l-istess prodott meritu tal-procedura odjerna, (ara foll 295);

14.8. Illi tul ir-relazzjoni kummercjali li s-socjetajiet kontendenti kellhom matul dan il-perjodu konsiderevolment twil, jirrizulta mill-fatturi pprezentati in atti, li s-socjeta` intimata ghad ghandha taghti l-ammont komplessiv ta' mija u sebgha u ghoxrin elf mija u sbatax -il Ewro, (€127,117.00), ghal diversi konsenji tal-prodott *de quo*, minnha ordnat, kif jirrizulta mir-rendikont finanzjarju prodott, (ara foll 172 sa 174), kif korrett mir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti direttament responsabbli mill-krediti lilha dovuti, (ara foll 169 u 220), u kif sussegwentement ridott mill-istess socjeta` rikorrenti, (ara foll 225);

14.9. Illi *del resto*, dan hu wkoll ammess mill-istess socjeta` intimata li tippretendi li tpaci l-ammont minnha dovut lis-socjeta` rikorrenti ma dak minnha rikjamat;

**DECIDE:**

15.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

15.1. Filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tas-socjeta` intimata;

15.2. Takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti, u ghalhekk:

15.2.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' mija u sebgha u ghoxrin elf mija usbatax –il Ewro, (€127,117.00), rapprezentanti prezz ta' diversi konsenji tal-prodott *"Acqua Vera"* fuq ordni ta' l-istess socjeta` intimata u lilha debitament konsenjati;

15.2.2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta` intimata, mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur, senjatament il-15 ta' Mejju, 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------